

- id-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-11 ta' Diċembru 2018 (Annex 3 to PV/19/01);
- id-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija tat-30 ta' Jannar 2019 (MC-018-ADM-20190130);
- in-nota tad-Direttorat tal-Persunal tat-18 ta' Jannar 2019 (CS-PERS/HRPLC/DIR/2019-001/ABGS);
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikkorrenti jinvokaw rispettivament, minn naħa, fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tat-18 ta' Lulju 2017, żewġ motivi u, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija ta' Diċembru 2018 u ta' Jannar 2019, erba' motivi.

Fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tat-18 ta' Lulju 2017:

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-aspettattivi leġittimi u tad-drittijiet kweżi.

Fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija ta' Diċembru 2018 u ta' Jannar 2019:

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-awtur tal-att ikktestat u l-ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolamenti tal-Persunal.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-garanziji proċedurali tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal konsultazzjoni tal-Kulleġġ.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

F'dak li jirrigwarda t-talba għad-danni, ir-rikkorrenti jitkolbu l-ħlas tad-differenza fir-remunerazzjoni dovuta jiġifieri 1.2 % mill-1 ta' Jannar 2019 (inkluż l-impatt ta' din iż-żieda fuq il-benefiċċji pekunarji) miżjud b'interessi moratorji.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2019 — BV vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-320/19)

(2019/C 246/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: BV (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikkorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tas-17 ta' Settembru 2018 li permezz tagħha l-interessi fuq il-kapital li jirrappreżenta d-drittijiet għall-pensjoni ttrasferiti tiegħu ma tħallsux lura lil;
- tikkundanna f'kull każ lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikkors tiegħu, ir-rikkorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-assenza ta' bażi legali u n-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(6) tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal adottati mill-Kummissjoni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-arrikkiment indebitu favur l-Unjoni kkawżat bl-allokazzjoni lill-baġit tal-Unjoni Ewropea tas-somma mnaqqsa fir-rigward tar-rivalutazzjoni tal-kapital.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2019 — El-Qaddafi vs Il-Kunsill

(Kawża T-322/19)

(2019/C 246/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Aisha Muammer Mohamed El-Qaddafi (Muscat, Oman) (rappreżentant: S. Bafadhel, Barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikkorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2017/497/PESK tal-21 ta' Marzu 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2015/1333/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, sa fejn din iż-żomm isem ir-rikkorrenti fuq il-lista fl-Annessi I u III għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1333/PESK tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja;